MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 1237/2002

**Maltacom p.l.c.**

**-vs-**

**Lino Mousu' et.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-1 ta' Novembru 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici esponiet bir-rispett:

Illi l-kawza fl-ismijiet Saviour Farrugia nomine kontra Lino Mousu' u b'digriet tal-15 ta' Novembru 1993, gie kjamat in kawza John Mousu' (Cit. Nru. 1305/92 JDC) giet deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-1 ta' Gunju, 1994, u fl-istess kawza l-

kjamat in kawza John Mousu' kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm2170.42 (elfejn, mija u sebghin liri Maltija u tnejn u erbghin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 222521 li kien installat fil-fond numru 31, Telghet Spencer, Marsa bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-Socjeta' Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta' rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmi somma l-kjamat ghad fadallu jhallas is-somma ta' elf, erbgha mija u zewg liri u sitta u tletin centezmu (Lm1402.36), oltre Lm125.18 (mija hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmintax-il centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm897.43 (tmien mija sebgha u disghin liri Maltija u tlieta u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-30 ta' Mejju, 2002, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm2424.97 (elfejn erbgha mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta' esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat ir-risposta ta' l-intimat John Mousu' li permezz taghha ecepixxa bir-rispett:

Illi talba tar-rikorrenti Malta p.l.c. ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi huwa qatt ma gie notifikat bl-atti tac-citazzjoni numru 1305/92 JDC fil-kawza fl-ismijiet “Saviour Farrugia nomine –vs- Lino Mousu’ et”, u li kieku kien certament li kien jikkontesta peress li huwa ma kienx is-“subscriber” tan-numru telefoniku 222521 li skond il-Ligi huwa biss obbligat li jhallas il-kontijiet.

Salv risposta ulterjuri skond il-Ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Prokuratur Legali Noel Scerri ghas-socjeta’ rikorrenti ikkonfermat illi l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ikkunsidrat.

Illi l-eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni li tat lok ghas-sentenza in kwistjoni. Madankollu huwa kellu allura jistitwixxi kawza ta’ ritrattazzjoni, li ma jidhirx li ghamel.

**Il-Qorti ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-intimat, tilqa’ t-talba u tawtorizza lir-rikorrenti li tesegwixxi s-sentenza moghtija fl-1 ta’ Gunju 1994 fuq indikata, ghall-ammont indikat fir-rikors.**

**L-ispejjes jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------